MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (GHAWDEX) GURISDIZZJONI SUPERJURI

## MAGISTRAT DR. PAUL COPPINI

Seduta tas-7 ta' Ottubru, 2004

Citazzjoni Numru. 70/2004

**QORTI TAL-MAĠISTRATI (GĦAWDEX) SUPERJURI,
ĠURISDIZZJONI ĠENERALI**

**MAĠISTRAT DOTTOR PAUL COPPINI LL.D.**

**Seduta ta' nhar il-Ħamis 7 ta' Ottubru, 2004 .**

**Ċitazzjoni numru : 70/2004G1(PC)**

Costantino Camilleri .

VS

Dominic Grech u Pauline Grech .
Il-Qorti ,

Rat iċ-ċitazzjoni li permezz tagħha wara li ppremetta :

Illi l-attur kien silef ammont ta' tmint elef u tmien mitt lira maltija (Lm8,800) lill-konvenuti fit-tmienja u ghoxrin (28) ta' April elfejn u tnejn (2002) liema debitu ġie rikonoxxut bis-saħħa ta' skrittura redatta quddiem in-Nutar Kristen Dimech fis-sitta (6) ta' Mejju, elfejn u tnejn (2002) ;

Illi l-imgħax dovut fit-tmienja u għoxrin (28) ta' April elfejn u tlieta (2003) ma tħallasx, dan ġie kapitalizzat bis-saħħa ta' skrittura oħra ffirmata bejn il-partijiet quddiem l-Avukat Dottor Michael Grech fit-tmienja u għoxrin (28) ta' April 2003 (elfejn u tlieta) fejn ġie miftiehem ukoll illi sal-erbgħa (4) ta' Lulju 2003, id-debituri kellhom iħallsu somma ta' elfejn lira maltija (Lm2,000) akkont tal-ammont dovut, u l-bilanċ jitħallas sat-tmienja u għoxrin (28) ta' April, 2004 ;

Illi s-somma akkont dovuta fl-4 ta' Lulju 2003 tħallset regolarment imma mhux l-istess sar dwar l-ammont bilanċjali illi kellu jsir dovut fit-28 ta' April 2004, u dan minkejja illi l-attur saħansitra nnotifika lill-konvenuti sabiex iħallsu l-ammont dovut b'ittra uffiċjali spedita f'April 2004 ;

Illi llum huwa dovutr lill-attur l-ammont ta' sebat elef ħames mija u erbgħa liri maltin (Lm7504), flimkien mal-interessi relattivi - cioe' l-interessi fuq ammont ta' LM9504 b'effett mit-tmienja u għoxrin (28) ta' April 2003 sal-erbgħa (4) ta' Lulju, 2003 illi jammontaw għal mija u disgħa u tletin lira maltija u sitta u ħamsin ċenteżmu (Lm139.36c) u l-interessi fuq Lm7504 b'effett mill-5 ta' Lulju, 2003 sat-28 ta' April, 2004 illi jammontaw għal erba' mija disgħin lira maltija u tnax-il ċentezmu (Lm490.;12c) għal total komplessiv ta' tmint elef mija u tlieta u tletin lira maltija u tmienja u sittin ċenteżmu (Lm8133.68c) ;

Illi dan id-debitu hu wieħed ċert likwidu u dovut u safejn jaf l-attur il-konvenuti ma ghandhom ebda eċċezzjoni xi jqajmu għat-talba illi dan il-kreditu tal-attur jitħallas .

Talab lill-konvenuti jgħidu għaliex ma għandhiex din il-Qorti :

1. Taqta' u tidde1ici din il-kawża bid-dispensa mis-smiegħ a tenur tal-artikolu 167 tal-Kodiċi u Organizzazzjoni u Proċedura Ċivili ;

2. Tiddikjarakom debituri fil-konfront tal-attur fl-ammont komplessiv ta' tmint elef mija u tlieta u tletin lira maltija u tmienja u sittin ċenteżmu (Lm8133.68c) oltre l-interessi fuq din l-istess somma b'effett mid-disgħa u għoxrin (29) ta' April 2004 sad-data tal-effettiv pagament ;

3. Tikkundannakom sabiex tħallsu lill-attur is-somma ta' komplessiv ta' tmint elef mija u tlieta u tletin lira maltija u tmienja u sittin ċenteżmu (Lm8133.68c) flimkien ma' l-interessi legali b'effett mid-29 ta' April, 2004 sad-data tal-effettiv pagament .

Bl-ispejjez, inkluzi dawk ta' l-ittra uffiċjali ta' April 2004, kontra tagħkom .

Bl-ingunzjoni għas-subizzjoni, illi ghaliha minn issa intom ingunti .

Rat id-dikjarazzjoni tal-fatti ta' l-attur konfermata bil-ġurament tiegħu .

Rat ukoll id-dokumenti annessi ma' l-istess ċitazzjoni .

Rat ir-riferta pożittiva tal-konvenuti illi ġġib id-data tal-wieħed u għoxrin (21) ta' Lulju, elfejn u erbgħa (2004) .

Rat ukoll in-nota ta' l-istess konvenuta ppreżentata llum seduta stante li permezz tagħhom ammettew it-talbiet attrici, pero' talbu li jingħataw żmien sakemm is-sentenza ssir esegwibbli,

Il-Qorti bi ftehim mad-difensuri rispettivi tal-partijiet, illi aċċettaw illi jingħata terminu sitt (6) xhur għal esekuzzjoni ta' din is-sentenza, u in vista ta' din l-ammissjoni tiddeċidi l-kawża billi tilqa' t-talbiet attriċi,

1. Tiddikjara lill-konvenuti debituri ta' l-attur fl-ammont komplessiv ta' tmint elef mija u tlieta u tletin lira maltija u tmienja u sittin ċentezmu (Lm8133.68) flimkien ma' l-interess fuq din l-istess somma b'effett mid-disgħa u għoxrin (29) ta' April, 2004, sad-data tal-effettiv pagament .

2. U tikkundanna ghal hekk lill-istess konvenuti jhallsu lill-atturi s-somma komplessiva ta' tmint elef mija tlieta u tletin lira maltija u tmienja u sittin ċenteżmu (Lm8133.68) flimkien ma' l-interessi legali b'effett mid-29 ta' April 2004, sad-data tal-effettiv pagament .

Bl-ispejjeż, inkluzi dawk ta' l-ittra ufficjali ta' April, 2004, kontra l-istess konvenuti, b'dana illi qed jingħata terminu għal ħlas ta' sitt xhur mid-data ta' din is-sentenza .
S7004Pc(sup)

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------